

BirdLife MALTA

# Ħidma għal futur aħjar

## 10 proposti elettorali

# vižjoni



BirdLife Malta tixtieq li Malta tun pajjiż b'ambient naturali rikk, varjat u b'ekologija b'saħħitha.

BirdLife Malta tixtieq tara poplu edukat dwar l-ambjent naturali, poplu li jagħti valur u mportanza lin-natura, u poplu li jistinka biet jipproteġiha.

# 1. L-uzu tal-art

L-art u l-ħabitat naturali huma riżorsa skarsa f'pajjiżna. Malta tiġi l-ewwel fl-Ewropa għall-urbanizzazzjoni, bi 33% tal-art meħuda mill-bini. Isegwi lil Malta bi 13% jiġi l-Belġju. BirdLife Malta temmen li zoni ODZ (Outside Development Zones) għandhom jiġu rispettati u anke jiżdiedu għall-benefiċċju tas-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini kollha.

**Iz-zoni ODZ għandhom jibqgħu l-istess jew jiżdiedu.** Dan ifisser li l-ammont ta' art li ġie mmarkat bħala ODZ jibqa' l-istess f'terminu ta' daqs. Jekk tiġi approvata proposta għal żvilupp f'zona li hija indikata bħala ODZ, allura għandha tiġi identifikata oħra li f'dak il-mument ma tkunx ODZ biex tiġi inkluża bħala tali.



# 2. Reati kontra n-natura

BirdLife Malta temmen li l-liġijiet ta' Malta huma adegwati imma hemm ħtieġa għal titjib fl-infurzar. **L-infurzar tal-liġijiet ambjentali għandu jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi,** li hija l-awtorità mwaqqfa speċifikament biex tħares l-ambjent u n-natura. Sfortunatament l-ERA ġiet assenjata l-kompetenza u r-responsabbiltà tal-leġiżlazzjoni ambjentali kollha minbarra dik relatata mal-ħarsien tal-għasafar. Dawn il-liġijiet bħalissa jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Wild Birds Regulation Unit (WBRU). Il-Wild Birds Regulation Unit għandha titneħħa u minflokha titwaqqaf taqsima apposta fi ħdan l-ERA.




**It-twaqqif ta' Wildlife Crime Unit fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.** Reati kontra n-natura ma jammontawx għal sempliċi kontravenzjoni. F'dan il-qasam huma meħtieġa uffiċjali tal-pulizija speċjalizzati li jkunu mħarrġa fl-għarfien tal-liġi u fl-identifikazzjoni tal-ispeċi kif ukoll ikunu jafu l-ħabitats. Irridu li l-Korp tal-Pulizija jkollu taqsima speċjalizzata li tkun iddedikata għal, u mħarrġa biex tindirizza r-reati marbutin man-natura. BirdLife Malta temmen li l-għaqdiet ambjentali f'pajjiżna għandhom jitħallew jassistu u jikkollaboraw ma' taqsima bħal din fl-aspetti kollha tal-infurzar tal-liġi, inkluż fil-ħidma li ssir fil-kampanja, fir-rappurtaġġ, fl-investigazzjoni u anke fil-prosekuzzjoni.

# 3. Spazji urbani



Minħabba d-densità qawwija ta' bini f'Malta, hemm zoni fejn jinħass nuqqas qawwi ta' spazji miftuħa. F'dan ir-rigward inħossu li għandu jsir sforz biex **jiġu introdotti *green roofs*,** ħalli jinħoloq ħabitat urban addizzjonali għall-flora u l-fawna lokali. Fl-istess ħin dan jerga' jressaq in-natura eqreb lejn in-nies.

Dawn li ġejjin huma miżuri ta' appoġġ li għandhom jiddaħħlu mal-introduzzjoni tal-kunċett ta' *green roofs*:

- 20% tal-bjut tal-bini kollu tal-gvern għandu jiġi trasformat fi *green roofs.*
- Jingħataw inċentivi għan-negozji biex huma wkoll jittrasformaw il-bjut tal-uffiċċji tagħhom fi *green roofs*
- Jingħataw inċentivi domestiċi simili għal inċentivi oħra li jagħti l-istat biex aktar nies jitħajru jintroduċu l-*green roofs,* speċjalment f'inħawi b'element urban qawwi u fl-ibliet fortifikati.

# 4. Green schools

**L-iskejjel kollha għandu jkollhom spazji miftuħa.** L-iskop ta' spazji bħal dawn m'għandux ikun biss li jservu bħala pulmun li jagħti nifs ġdid lill-iskola, imma wkoll biex f'dawn il-postijiet it-tfal tagħna jkunu jistgħu jitgħallmu suġġetti akkademiċi f'ambjent naturali iktar milli magħluqin fil-klassi. Ir-riċerka turi li t-tfal jirrelataw, jiffukaw u jipparteċipaw aktar meta jkunu f'ambjent naturali. L-iskejjel ġodda li jinbnew kollha għandhom jiġu ddisinjati b'dan il-mod, waqt li skejjel eżistenti għandhom jiġu ddisinjati mill-ġdid biex jintlaħaq dan il-kriterju. Għandha tkun stabbilita l-mira li **50% tal-iskejjel eżistenti jsirulhom spazji miftuħa fi żmien 5 snin.**



Apparti l-bidliet infrastrutturali, il-Gvern għandu jagħmel minn kollox biex iżid il-parteċipazzjoni tal-iskejjel f'inizjattivi favur l-ambjent li jkunu bbażati fuq is-sostenibbiltà. **L-għalliema,** b'mod partikolari dawk fl-iskejjel primarji, **għandhom jingħataw taħriġ dwar l-ambjent naturali.** Dan jgħin biex it-tfal fl-iskejjel tagħna jikbru fil-mentalità ta' rispett u kuxjenza favur il-wirt naturali tagħna.

# 5. Siti Natura 2000







Is-siti Natura 2000 huma siti importanti ta' konservazzjoni fil-Gżejjer Maltin. F'dan ir-rigward **għandhom jiġu implimentati l-pjani ta' mmaniġġjar għas-siti Natura 2000 kollha.** F'dak li għandu x'jaqsam maz-Zoni marittimi ta' Protezzjoni Speċjali (marine SPAs), il-pass li jmiss hu li jitfassal pjan b'miżuri ta' konservazzjoni.

Aħna nemmnu li dawn għandhom jiġu mfassla bi sħubija bejn l-eNGOs, bl-ERA tassumi r-rwol tagħha ta' regolatur u l-NGOs ambjentali jkunu l-operaturi u l-gwardjani ta' dawn is-siti. Nirrakkomandaw li bħala parti mill-pjan ta' tmexxija **z-zoni li jaqgħu f'siti Natura 2000 u dawk ta' maġenbhom jkunu ħielsa mill-pestiċidi.**

# 6. Tniġġis



L-għeluq tal-power station tal-Marsa ġab miegħu titjib fil-kwalità tal-arja taz-zona tal-port. Il-cruise liners li jkunu marbutin mal-moll fil-Port il-Kbir ikollhom power stations żgħar abbord kull bastiment li jitħallew imqabbdin il-ħin kollu kemm idum Malta l-vapur. It-tniġġis tal-arja f'din iz-zona, meta jkun hemm aktar minn cruise liner wieħed fil-port, ilaħħaq l-istess livelli daqslikieku kienet għadha miftuħa l-power station tal-Marsa. Fid-dawl ta' dan, nemmnu li l-imsieħba involuti għandhom jieħdu dawk il-miżuri meħtieġa għal Malta biex jittejjeb l-impatt negattiv li jikkawża t-tniġġis tal-arja mill-vapuri.

Fl-istess ħin il-ħolqien ta' zona fejn jiġu kkontrollati l-emissjonijiet mill-kubrit (Sulphur Emission Control Area, SECA) fit-Tramuntana tal-Ewropa jwassal għal benefiċċji kbar għas-saħħa tal-popolazzjoni lokali riżultat ta' titjib fil-kwalità tal-arja u inqas impatt fuq il-klima u l-ambjent. Bastimenti li jgħaddu minn zona bħal din jużaw *fuel* tat-tbaħħir li jkun aktar nadif u aħna tal-fehma li l-Mediterran ukoll għandu jkun iddikjarat bħala Emission Control Area. Il-Gvern Malti għandu jmexxi din l-inizjattiva, l-ewwel fost l-istati membri tal-UE fir-reġjun tal-Mediterran u mbagħad jipprova jikseb kunsens mifrux fost l-imsieħba kollha fir-reġjun.

# 7. L-iskart

L-iskart illum sar uġigħ ta' ras ambjentali li kulma jmur qed tikber. F'dan ir-rigward, nissuġġerixxu **l-introduzzjoni ta' skema ta' separazzjoni tal-iskart kollu fid-djar li tkun obbligatorja.** Minħabba l-klima ta' pajjiżna, il-gvern jista' jagħżel li jappoġġja l-introduzzjoni ta' *units* għar-rimi tal-iskart li jitwaħħlu mas-*sinks* tal-kċina għall-iskart bijoloġiku.



Minħabba li Malta hija gżira, għandna għax ninkwetaw aktar dwar il-livell allarmanti ta' plastik li jintrema fil-baħar. **Hemm bżonn li tittieħed azzjoni immedjata biex il-plastik ma jibqax jispiċċa fil-baħar u biex jitnaqqsu l-livelli ta' plastik mormi fil-baħar.** Ix-xjenza qed turina li jekk ma titteħidx azzjoni malajr u bis-serjetà, fi żmien għaxar snin se niġu f'pożizzjoni li kulma nkkunsmaw mill-baħar ta' madwarna jkun kontaminat mill-plastik jew minn xi materjal kimiku ieħor. Din hija theddida serja daqs il-fenomenu tat-tibdil fil-klima.

# 8. L-ilma



Malta hi fost l-aktar għaxar pajjiżi fid-dinja bi problema ta' nuqqas ta' ilma. L-uniku sors ta' ilma ħelu li għandna – l-ilma tal-pjan – diġà huwa abbużat. Ħabitats tal-ilma ħelu f'Malta huma kruċjali għall-biodiversità kif ukoll biex l-ilma tal-pjan jiġi mġedded. BirdLife Malta tirrakkomanda l-introduzzjoni ta' proġett pilota speċjali biex jiġi identifikat sit partikolari b'potenzjal qawwi ta' *high surface water* u dan jiġi mmaniġġjat b'mod li jintuża għat-tiġdid tal-ilma tal-pjan u anke għar-restawr tal-ħabitat. Sit bħal dan iservi bħala *case study* mudell eċċellenti biex juri kif għandu jsir immaniġġjar aħjar tal-ilma u l-biodiversità fuq livell nazzjonali u anke internazzjonali.

**Malta għandha ssir l-ewwel pajjiż Ewropew organiku.** Fid-dawl tal-aħbar riċenti dwar il-livelli għoljin ta' pestiċidi li hemm fil-prodotti li nkabbru fl-għelieqi tagħna, nemmnu li l-Gżejjer Maltin jistgħu jbiddlu din il-pożizzjoni negattiva billi jsiru l-ewwel pajjiż organiku fl-UE. Dan iġib miegħu benefiċċji għas-saħħa sew f'dak li għandu x'jaqsam mal-ikel kif ukoll mal-ilma tal-pjan, u anke vantaġġi għat-turiżmu u vantaġġi ambjentali. L-industrija tal-agrikoltura għandha tkun megħjuna kif suppost biex tbiddel il-prattiċi tagħha u tibda tkabbar l-ikel kollu b'metodi organiċi permezz ta' pjan ta' sapport li jkun mifrux fuq ħames snin.

# 9. Derogi



**BirdLife Malta temmen li d-derogi għall-insib u l-kaċċa fir-rebbiegħa għandhom jieqfu.** Id-Direttiva Ewropea dwar l-Għasafar titkellem ċar dwar il-kaċċa u l-insib fir-rebbiegħa u tgħid li għasafar tal-passa għandhom ikunu mħarsa f'dan iż-żmien tas-sena biex jaslu fil-postijiet fejn ibejtu. L-insistenza u l-konsistenza ta' BirdLife Malta tul is-snin favur il-ħtieġa tal-protezzjoni tal-Gamiema bbażati fuq l-evidenza xjentifika issa ġiet ippruvata u BirdLife Malta ngħatat raġun bl-implimentazzjoni riċenti tal-moratorju li hawn fis-seħħ biex din l-ispeċi tiġi mħarsa fir-rebbiegħa.

L-insib, min-naħa l-oħra, ma jistax jiġi ġustifikat biex jikkwalifika għal deroga fl-ebda perjodu tas-sena. Dan mhux biss jagħmel il-ħsara lill-għasafar li jinqabdu imma l-imnasab jikkawżaw ukoll danni fit-tul lill-ħabitat naturali. Hu għalhekk li **m'għandha tkun aċċettata l-ebda deroga li tippermetti l-insib.**

**Il-partiti politiċi għandhom jiddikjaraw fil-manifesti elettorali tagħhom kwalunkwe intenzjoni li japplikaw xi forma ta' deroga mil-liġijiet tal-UE li jista' jkollha impatt fuq in-natura u/jew fuq il-ħabitati.** Deroga li ma tkunx ġiet iddikjarata minn qabel fil-manifest elettorali ma tkunx tista' titħaddem jekk mhux wara li jsir referendum.

# 10. Sapport lil NGOs

L-NGOs f'Malta għandhom ħafna x'joffru għat-tmexxija u l-iżvilupp ta' pajjiżna. Il-Gvern għandu jkompli jagħti aktar fiduċja u xogħol lill-NGOs fl-oqsma li fihom jispeċjalizzaw permezz ta' Management jew Service Agreements.

Il-Gvern għandu joħloq inċentivi biex intrapriżi kummerċjali jgħinu lill-NGOs.

Il-Gvern għandu jindirizza wkoll il-fatt li l-ispejjeż kurrenti u kapital għall-NGOs huma 18% ogħla minn dawk ta' intrapriżi kummerċjali minħabba l-VAT.

Il-Gvern għandu jdaħħal sistema li tgħin lill-NGOs li jkunu wrew li huma kapaċi jmexxu proġetti bis-saħħa ta' fondi tal-UE billi ttaffilhom il-problemi ta' *cash flow* li huma jesperjenzaw minnħabba l-mod kif jingħataw dawn il-flus.



BirdLife Malta ġabet differenza pożittiva fil-kuxjenza ambjentali tal-poplu Malti, inkluż tal-gvernijiet.

Nixtiequ li din il-bidla tkompli tissaħħaħ sabiex igawdi kulħadd.

BirdLife Malta taħdem għall-ġid komuni ta' Malta u l-Maltin.



April 2017
tel **21347645/6** email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**
mailing address **57/28 Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex XBX 1120**